MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2007

Numru. 517/2005

PULIZIJA
SPETTUR RAYMOND AQUILINA
VS
*I*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat *I*, ta' *omissis* sena, bin *omissis*, imwieled *omissis*, u residenti *omissis*, jew *omissis*, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru *omissis,* u akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fil-15 ta' Gunju 2004, u fis-snin ta' qabel din id-data, meta b'diversi atti maghmulin mill-hati, ukoll jekk fi zmenijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. b'eghmil zieni, ikkorrompa lil *D*, ta' *omissis* sena u *S* ta' *omissis* sena, persuni ta' taht l-eta', liema delitt sar minnu li jigi axxendent tal-imsemmijin *D* u *S*;

2. u aktar talli fl-istess zmenijiet, lok u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta' awtorita' kompetenti u barra mill-

kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-imsemmija minuri *D* u *S* kontra l-volonta' taghhom, u dan bhala mezz biex imsemmija minuri jigu mgieghlha jaghmlu xi haga jew joqoghdu ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghhom;
3. offenda l-pudur jew il-morali, b'eghmil li sar f'lok pubbliku, jew f'lok espost ghall-pubbliku.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali (a fol 107), taht liema Artikoli din il-Qorti tista' ssib htija fl-imputat.

Rat il-verbal tal-11 ta' Jannar 2007 (a fol 171), fejn l-imputat ma sabx oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Mix-xhieda tal-minuri *D* (ara fol 6 et seq), jirrizulta illi l-imputat jigi z-ziju taghha, cioe' hu ommha, u li fil-vaganzi tas-sajf, il-familja ta' *D*, kif ukoll il-familja ta' *I*, kienu jghixu go zewg 'caravans' imqeghda fejn xulxin. *D* xehdet illi darba minnhom, meta hija **kien ghad ghandha *omissis* sena**, kienet marret fil-'caravan' ta' zijuha *I* sabiex tilghab mat-tifel tieghu u ma' hutha stess. Illi dawn kienu warrbu wara ftit u kienet baqghet fil-'caravan' ta' l-imputat tilghab il-karti. Illi f'mument minnhom, **l-imputat espona l-partijiet privati tieghu minn bejn is-'shorts', u meta rat hekk, *D* telqet mill-'caravan', u ma qalet lil hadd.**

*D* xehdet, a fol 8 u 9, illi hija kienet qalet lill-mara ta' l-imputat b'dak li gara, kif ukoll lil ommha, **izda dawn ma bdewx jemmnuha**. *D* xehdet ukoll, a fol 9 et seq, illi f'okkazjoni wahda, waqt li hija (*D*) u ohtha *S* kienu qeghdin mindudin f'soddithom fil-'caravan', ***I* beda jpengi speci ta' sigra u kanun, u li ommhom kienet dahlet inkiss inkiss, ghamlitilhom sinjal biex ma jitkellmux, u**

**kienet ikkonfrontatu.** L-imputat kien irrispondiha li huwa kien biss qed ipengi sigra tal-Milied u kanun, u omm *D* **irrispondietu bil-kliem 'jew is-sigrieti tieghek?'**

*D* xehdet li hija kienet rat lill-imputat ipengi dawn l-affarijiet, u ohtha *S* kienet rathom ukoll. Xehdet ukoll illi **l-imputat kien induna li hija kienet qed thares lejn it-tpengija, u kompla jpengi. *D* xehdet illi kif ommhom illargat, l-imputat hareg il-parti genitali tieghu u beda jimmasturba.** Ohtha *S* kienet ukoll xhieda ta' dan, u kienet filfatt hi li marret tghajjat lil ommha u tghidilna x'kien gara. Kien minn hawn 'l quddiem illi t-tfajliet bdew jigu emmnuti. *D* xehdet illi xi drabi ohra, waqt li kienu qeghdin fid-dar principali taghhom, l-imputat kien gie d-dar taghhom u waqt li hutha ma kinux hemmhekk, u waqt li ommha kienet marret it-toilet, **kien tefaghha fuq il-mejda, rabtilha jdejha, ghollielha l-flokk u beda jerdaghlha sidirha**. *D* xehdet illi meta kienu jsiru dawn l-affarijiet, l-imputat kien jghidilha **'jekk tmorru tparlaw b'raskom idur.'** (ara a fol 12). *D* xehdet illi meta ndunat ommha b'dan l-irdiegh, l-imputat kien qalilha illi dan kien qed jaghmilhomlha *G*, il-'boy friend' ta' *D*.

F'okkazjoni ohra li kienu fil-'caravan', *D* xehdet illi l-**imputat kien hareg il-parti privata tieghu, qabad id *D* u poggiha fuq il-parti privata tieghu, u prova jgieghlha timmasturbah, pero' hi nehhiet idejha** (ara xhieda a fol 13 u 14). Apparti minn dan, *D* xehdet illi l-imputat kien **joqghod ibaghbsilha sidirha u koxxitha, u l-parti privata taghha. Dan gara xi hames darbiet.** F'okkazjoni minnhom, *D* xehdet illi l-imputat kien gie d-dar taghhom, **kien zammha minn idha, u beda jipprattika s-sess orali fuqha** (ara xhieda a fol 15).

*D* xehdet, a fol 16 et seq, illi kien hemm okkazjoni ohra fejn l-imputat, bil-pretest li se jidhol jorqod kmieni fil-'caravan', meta t-tfajliet *D* u *S* kienu diga' rtiraw fis-sodda, **kien neza' gharwien u qaghad jimmasturba,** u minn got-twieqi tal-'caravan', kien qal lil *D* l-kliem, **<u>'din ghalik qed ingerrih jien'</u>** (ara xhieda a fol 16). *D* xehdet illi dawn l-affarijiet **kienu jigru fil-prezenza taghha u fil-prezenza ta' ohtha *S*.**

F'okkazjoni minnhom, *D* ma felhitx iktar ghal dawn l-affarijiet, bdiet tibki u kienet dahlet fuqha *S*, talbitha tghidilha x'kien gralha, u kien hemm illi *S* ddecidiet li huma t-tnejn kellhom jirrinfaccjaw lil ommhom u jghidulha b'dak li kien qed jigri. *D* xehdet illi qabel ma' tkellmet mal-Pulizija, hija kienet tkellmet mas-Social Worker Francis, u mbaghad wara kienu marru ghand il-Pulizija. *D*, a fol 19, xehdet illi dawn l-esperjenzi sesswali ma' zijuha **kienu l-ewwel esperjenzi taghha**, izda wara dan, hija kellha 'boy friend' li jismu *F2*. *D* xehdet illi in segwitu ta' dan, huma ma marrux iktar fil-'caravans' u hi kienet tkun kostretta li tibqa' fil-kamra taghha jew fil-kamra tal-mama' taghha **kull meta kien jigi l-imputat id-dar izurhom**.

Minhabba dan, u minhabba li *D* kienet tiddejjaq tkun kostretta fid-dar taghha, il-familja ddecidew li hi tibda' tghix il-Fejda. *D* xehdet, a fol 21, illi meta zijuha kien ghamlilha l-irdiegh fuq sidirha, **kien qalilha li hija kellha twahhal f'*G***.

In kontro ezami, *D* xehdet illi hija kienet wahda minn hames ulied, *A1* li kellu *omissis* sena, *S* li kellha *omissis* sena, *A2* li ghandha *omissis* snin u *A3* li ghandha *omissis* snin, u lkoll kienu jorqdu fil-'caravan', waqt illi l-imputat kien joqghod f''caravan' ohra flimkien ma' martu u ibnu li jismu *T*, li kellu *omissis* sena. *D*, a fol 23, xehdet illi hija gieli dahlet fil-'caravan' ta' zijuha wahedha meta kien ikun hemm prezenti t-tifel tieghu, u gieli dahlet ma' hutha. Mitluba taghti spjegazzjoni dwar ir-relazzjoni li kellha ma' ommha, ***D* xehdet illi daqqa jiggieldu u daqqa jkunu 'all right'** (ara xhieda a fol 23).

*D* xehdet illi hija kienet kellmet zewg Social Workers ta' l-Appogg, certu Charmaine u Antonella, u lil Francis, u dawn kienet kellmithom fir-rigward ta' l-imputat. *D* xehdet li **darba minnhom kellha problema ma' wahda mis-Social Workers ghax ma hallithiex tohrog, u hi nkorlat hafna, tant illi din is-Social Worker spiccat b'saqajha miksura**. Mitluba tghid ghaliex kienet regghet dahlet fil-'caravan' ta' zijuha wara l-ewwel esperjenza qarsa, *D* xehdet illi kienet ghamlet hekk ghaliex kien talabha

kuginuha *T*, u kienet dahlet flimkien ma’ hutha *A1* u *S*. *D* ikkonfermat li hija qatt ma’ raqdet fil-‘caravan’ ta’ zijuha. Mitluba tghid kif setghet tara t-tpengija li kien ghamel zijuha fil-‘caravan’ tieghu, *D* xehdet illi l-‘caravans’ kienu mqeghdin vicin hafna hdejn xulxin u cioe’ xi zewg jew tlett piedi ‘l boghod minn xulxin. *D* ikkonfermat illi fil-‘caravan’ ta’ zijuha, it-twieqi kienu mghammra bil-purtieri, pero’ taghhom ma kinux. *D* ikkonfermat li dawn il-purtieri tal-‘caravan’ ta’ zijuha ma kinux ikunu maghluqa.

*D* xehdet illi **sa gurnata qabel ma telghet il-Qorti biex tixhed, l-imputat kien qal lil *S*, li hija (*D*) kellha twahhal f’*G*.** *D* ikkonfermat illi meta ommha ndunat bl-irdiegh ma’ sidirha, hija (*D*) kienet qaltilha li dawk kien ghamilhomlha *G*, u dan kienet ghamlitu ghaliex l-imputat kien joqghod jheddidha: **‘jghidli: tghidilha xejn lil ommok ghax b’rasek idur’,** (ara fol 30), u dan qalitu **‘ghall-ewwel ghax jien bdejt nibza’ li jien, jien hsibt li ser jaghmilli xi haga.’**

*D* stqarret illi l-imputat kien qalilha wkoll biex hija tghid lil ommha li dawk ma kinux irdiegh imma kienu qarsa. A fol 31, *D* xehdet illi meta kien ikun hemm zijuha d-dar, u hi kienet tkun fis-‘shower’, hu kien joqghod imellsilha, tant li kien ikollha tpoggi xugaman. *D* xehdet illi fil-‘caravan’ taghhom kellhom ‘bunk beds’, u l-‘bunk bed’ taghha kienet qeghda ‘l fuq mit-tieqa, waqt li ta’ ohtha kienet taht it-tieqa. *D*, a fol 32, ikkonfermat illi parti mid-dar taghhom ta’ *Y* kienet ‘open plan’, izda l-kmamar tas-sodda kienu jinghalqu bil-bibien. Il-minuri spjegat illi l-kcina kienet taghti ghat-toilet, u illi mit-toilet wiehed ma jistax jara jekk ikun hemm xi hadd fil-kcina.

*D*, a fol 35, xehdet illi diversi drabi waqt li kienet qed tghix il-Fejda, kienet tkun ‘grounded’, izda xorta wahda kienet taqbad u tohrog. A fol 36, *D* spjegat illi l-abbuz da parti ta’ l-imputat kien beda meta hi kellha *omissis* sena. *D* stqarret, a fol 36, illi fiz-zmien meta kienet qed taghti t-testimonianza taghha, hija kienet Mount Carmel, u dan in segwitu tal-glieda li hija kellha fejn kienet wegghet lis-Social Worker Roseline.

Spettur Raymond Aquilina, a fol 38 et seq, esebixxa l-istqarrija ta' l-imputat, dokument RA, minn fol 40-42, esebixxa bhala dokument RA1 il-kwerela ta' *O*, u l-atti tat-twelid tal-minuri *D* dokument RA2.

**Fl-istqarrija tieghu**, dokument RA, l-imputat stqarr illi huwa kien guvni, izda kien jghix mal-'partner' tieghu, certu *P2*, u li kellu tifel jismu *T*. Ikkonferma li ohtu *O* kellha hamest itfal, u li fis-sajf, huma jghixu go 'caravan' Bahar ic-Caghaq. L-imputat stqarr illi l-'caravans' kienu jipparkjawhom vicin ta' xulxin izda ma baqghux jaghmlu hekk xi sena jew sentejn ilu. L-imputat qal illi t-tfal ta' ohtu kienu jigu fil-'caravans' sakemm ma kienu jissetiljaw l-affarijiet, u mbaghad wara ma kinux jigu iktar, u dan minhabba li l-'partner' ta' *O*, ma kienx ihallihom jigu, u minhabba illi l-'partner' tieghu *P2*, kien idejjaqha l-istorbju. Mitlub jghid *D* qattx giet fil-'caravan' tieghu wahedha, l-imputat stqarr:

**'Gieli kienet tigi imma jien kont inkecciha u nibaghtha fejn missierha u ommha.' (ara a fol 41).**

Mitlub jghid jekk kemm-il darba qattx espona l-parti genitali tieghu lil *D*, l-imputat stqarr:

'**Jekk jittawwlu huma jien ma nafx, it-tfal ta' Rita gieli kienu jigu jduru mal-'caravan' jilaghbu xi molli.'**

L-imputat innega li huwa kien joqghod gharwien fil-'caravan' jew li kien jinza' hwejjgu bit-twieqi miftuhin. Innega li qatt baghbas lil *D* sesswalment. Mitlub jghid jekk kemm-il darba qattx immasturba fil-prezenza ta' *D*, l-imputat innega izda zied jghid:

**'Jekk forsi kienet ghaddejja u ratni jista' jkun.'**

L-imputat innega li qalilha biex ma tghid lil hadd dwar dan. L-imputat stqarr illi *D* kienet qed tivvinta fuqu. Dwar l-irdiegh li kellha *D* f'sidirha, l-imputat stqarr li dawn kien ghamilhomlha xi guvni li kienet tiltaqa' mieghu wara l-iskola. L-imputat stqarr, a fol 42, illi gieli ra lil *D* izda ma kienx ikellimha, li *D* kienet taghti hafna problemi u anke

gieli harbet mill-Istitut tal-Fejda, li kienet tfajla naqra kiesha u fuq taghha. Mitlub jghid jekk kemm-il darba *D* qatt hajjritu sesswalment, l-imputat stqarr:

**‘Ghall-bidu kienet thobb tghaddi minn hdejja u thakkek mieghi. Imma qatt ma hajjritni fuq hekk.’ (ara fol 42).**

*S*, a fol 47, xehdet illi l-imputat kien jigi hu ommha, u kkonfermat illi ohtha l-kbira kienet qalet illi l-imputat kien redaghlha sidirha. Illi sussegwentement, *D* kienet infurmat lil ommha dwar dan, u li ommha kienet kellmitha fuq dan kollu. *S* xehdet illi meta hija kellha *omissis* sena, hija u *D* kienu gew mibghutin fis-sodda kmieni ghax kienu puniti, u zijuhom l-imputat, beda jpengi sigra tal-Milied u kanun. Imbaghad il-mama’ taghhom kienet telghet halli tara ma’ min kienu qed jitkellmu, u rat lill-imputat ipengi l-kanun. ***S* xehdet illi dak il-hin, l-imputat kien inhasad** u li ommhom kienet staqsietu x’kien qed ipengi, u li l-imputat kien irrispondiha:

**‘Mhux kanun u Christmas tree qalilha, tahsibx hazin taf x’jien naghmlilhom qalilha.’ (ara a fol 50).**

Mistoqsija dwar it-tpengiha nnifisha, *S* xehdet is-segwenti:

**‘Le kien hemm kanun u zewg blalen fejn xulxin, Christmas tree.’ (ara fol 50).**

*S* xehdet illi hija dak iz-zmien kellha *omissis* sena, u li ma kienet taf xejn, ghaldaqstant, ghaliha l-istampa ma kienet tfisser xejn altru, **izda li ommha dehret naqra nkwetata**. *S* xehdet, a fol 51, illi darba minnhom kienet id-dar *Y*, u l-imputat kien fil-kcina, u lil ommhom kien qalilha li kien sejjer, **izda filfatt ma telaqx u kien mar** fil-kamra taghhom, u kien baqa’ jparla maghhom:

**‘Imma mbaghad x’hin tigi l-mummy kien johrog mill-ewwel ghax kien jibza’…ghax lill-mummy jahbilha kien lill-mummy.’ (ara a fol 53). ‘Meta kien jghidilna good night hu kien jghidilna lilna ara ma tghidux lill-mummy, tixkfunix lili ghax intom tehluha.’ (ara fol 53).**

*S* xehdet, a fol 53, illi darba minnhom waqt li kienet fil-‘caravan’ ta’ l-imputat, l-imputat kien talabha biex tghinu jwahhal xi boltijiet, hi kienet marret u kif dahlet fil-‘caravan’ tieghu, l-imputat **‘kien hareg is-sigrieti tieghu u beda jgerrih u gab il-liba fil-‘caravan’, u mbaghad jien tlaqt, ma mortx izjed ‘l hemmhekk.’ (ara fol 53).**

Din grat darba u meta grat, hija kienet wahedha. **Meta kien qed jaghmel dawn l-affarijiet, l-imputat kien talabha biex thares**. Meta gara dan, hija kienet boghod xi tlett metri. *S* spjegat illi meta gara dan l-incident, hija kienet qed tghin lill-imputat iwahhal il-boltijiet tal-kcina tieghu u kienet ghadha fuq il-parti ta’ barra fil-caravan tieghu. *S* spjegat illi meta kien gara dan l-incident, l-imputat kien liebes normali, **kien nizzel iz-‘zip’, u hareg il-parti privata tieghu.** Dan l-incident sehh meta ***S* kellha *omissis* sena, u li din kienet l-ewwel darba li qatt rat dawn l-affarijiet**. *S* kompliet tghid illi prezentement hija kellha *omissis* sena u qatt ma harget ma’ ‘boy friends’. *S* xehdet illi hija ma kinitx qalet lil hadd dwar dan ghax kienet bezghet, **u xehdet illi kien hemm okkazjoni ohra fejn l-imputat kien talabha tmur fil-‘caravan’ tieghu, wara li l-mama’ taghha tkun raqdet, u qalilha li mbaghad kien jixtrilha gelat, izda t-tifla ma marritx.**

*S* stqarret illi hija, wara dawn l-incidenti, qatt ma marret wahedha fil-‘caravan’ ta’ zijuha, ghax kienet tibza’. *S* kkonfermat li hija dejjem marret fil-‘caravan’ mal-familja taghha, u li dejjem raqdet fil-‘caravan’ taghha, u li qatt ma raqdet fil-‘caravan’ ta’ zijuha. Mitluba tghid jekk il-‘caravan’ ta’ zijuha kienx mghammar bil-purtieri, *S* ikkonfermat illi kien hemm purtieri, **‘imma kien jiftahhom.’** (ara fol 61).

*S* ikkonfermat illi fil-‘caravan’ taghhom, ma kienx hemm purtieri jew ‘blinds’. *S* xehdet, a fol 64, illi waqt illi l-imputat kien qieghed jimmasturba u talabha biex thares, u egakola, **‘qalli daqshekk, qalli ma tistax thares izjed qalli.’**

WPS Josephine Gauci, a fol 68, ikkonfermat illi *D* kienet ghamlet stqarrija fil-prezenza taghha, u fil-prezenza ta’

Michelle Shires, Social Worker mill-Fejda, u tat rakkont ta' 'repeated sexual abuse' mill-imputat, li kien jigi zijuha. Dawn l-incidenti kienu saru go Bahar ic-Caghaq u anke fir-residenza tal-genituri taghha. Illi qaltilha wkoll illi kienet infurmat lil ommha b'dawn l-incidenti u li ommha ma kinitx hadet il-passi necessarji. WPS Gauci xehdet, a fol 69, illi *D* kienet qaltilha li l-imputat kien jipprova jbusha u li **hija kienet titqazzu**. WPS Gauci kkonfermat l-'statement ta' l-imputat, a fol 40 et seq. WPS Gauci xehdet illi l-minuri *D* kienet qaltilha li l-imputat kien jaghmel certu gesti oxxeni mill-'caravan', kien imissilha l-parti taghha u kien ghamel tpengija ndecenti. Mitluba tghid jekk kemm-il darba *D* kinitx semmiet xi abbuz iehor da parti ta' persuni ohra, WPS Gauci xehdet illi *D* kienet semmiet lil certu *F2* li kien guvnott ta' *omissis* sena, u lil *K*, ragel mizzewweg li kellu tarbija, **izda dawn kienu sussegwenti ghall-allegat abbuz ta' l-imputat.**

Spettur Louise Calleja, a fol 74, xehdet illi hija kienet involuta fl-investigazzjoni ta' *K*, u li tressaq il-Qorti lejn l-ahhar ta' Settembru 2005, wara allegat korruzzjoni ta' zewg tfajliet. Dan ir-rapport kien dahal wara r-rapport fuq l-imputat.

*D,* a fol 76, identifikat lill-imputat bhala l-persuna li dwaru kienet qed tixhed.

*S*, a fol 78, identifikat lill-imputat bhala l-persuna li dwaru kienet xehdet.

*O*, a fol 80, xehdet illi hija kellha hamest itfal, *A1, D, S, A2* u *A3*, u kkonfermat illi kienet tkellmet mal-Pulizija fuq l-incidenti li kienu sehhew fuq it-tfal taghha. Xehdet illi hija u l-familja taghha kienu jmorru fil-vaganzi tas-sajf go 'caravan', u li huha l-imputat kellu 'caravan' ghalih u ghall-'partner' tieghu u t-tifel tieghu. Illi darba minnhom, *D* u *S* kienu marru jkellmu lill-'partner' ta' l-imputat, u li din kienet kellmet lilha, u dan ghaliex it-tfal qatt ma qalulha ghax kienu jibzghu. *O* xehdet, a fol 82, illi l-'partner' ta' l-imputat kienet qaltilha illi l-imputat kien qed jittantahom. *O* xehdet illi meta kienet irrinfaccjat lit-tfal taghha u lill-'partner' ta' l-imputat, din kienet qaltilha illi dak li kien intqal **kienet biss**

**cajta, u li minn hemmhekk ma baqghetx temmen lit-tfal taghha.**

*O* iddikjarat illi darba minnhom kienet dahhlet lit-tfal jorqdu kmieni bhala ‘punishment’ u li mbaghad kienet semghet liz-zewgt ibniet taghha jparlaw u kienet marret tara ma’ min kienu qed jitkellmu, u sabet lill-imputat qed ikellimhom u li meta raha, kien inhasad. *O* xehdet illi kienet sabitu qed ipengi sigra – **‘kanun qalli, qalli toqghodx tahseb hazin qalli bhalma qed jahsbu t-tfal qalli, qedtlu dik sigra jien, qalli Christmas tree, qedtlu l-Milied ghadu ma wasalx qedtlu, ghax il-Milied Awissu ghadna, qedtlu l-Milied sa fejn naf jien f’Dicembru u mhux f’Awissu u qedtlu dik it-twila x’inhi, qalli toqghodx tahseb hazin bhalma qed jahsbu t-tfal qalli ghax intom hekk mohhkom biex toqoghdu tahsbu hazin.’**

Mitluba tghid ghaliha x’fissret dik it-tpengija, *O* xehdet:

**‘Jien ghalija rajtha s-sigrieti ta’ bniedem’. (ara fol 83).**

*O* xehdet illi minn dakinhar ‘l hemm, lit-tfal ma bdietx tressaqhom lejn l-imputat, u xehdet illi f’okkazjoni ohra, kienet indunat b’certu tbajja fuq sider *D*, u li t-tifla taghha kienet qaltilha li dawk ma kinux irdiegh imma qris. *O* xehdet illi wara certu zmien, it-tifla taghha *D* wrietha x-xewqa li ma tibqax d-dar u hija ma zammithiex milli taghmel dan. Illi waqt li kienet il-Fejda, il-marki fuq sider *D* bdew jiccaraw, izda s-Social Workers kienu ndunaw bihom u haduha l-‘clinic’ ta’ *Y* stess, **u kien hemmhekk illi *D* bdiet tghidilha certu diskors u bdiet thawwad ukoll fid-diskors u qaltilha illi *G*, habib taghha, kien ghamel ghaliha.**

*O* xehdet illi hija kienet giet infurmata sussegwentement, mis-Social Worker Francis, illi dawk il-marki kien ghamilhomlha l-imputat. Din is-Social Worker kienet qaltilha b’dak kollu li kien gara, waqt li hija (*O*) kienet qeghda fil-kamra tal-banju. *O* xehdet illi darba minnhom it-tfal taghha kienu qalulha biex tghid lill-‘partner’ taghha *P* biex ikellem lill-imputat biex ma jibqax jidhol fil-kamra tas-sodda taghhom biex jghidilhom **‘good night’**. Illi kien

wara dan kollu, u wara li rat it-tpengija, li hija bdiet temmen il-verzjoni tat-tfal taghha.

*O* ikkonfermat, a fol 87, illi S kienet infurmatha recentement illi l-imputat kien espona l-parti genitali tieghu waqt li kienu Bahar ic-Caghaq. *O* qalet illi *S* kienet qaltilha ukoll li darba minnhom, l-imputat kien hajjarha, titla' fil-kamra tas-sodda tieghu fil-'caravan', u li pprometta li jixtrilha gelat. *O* stqarret illi t-tfal ma kinux qalulha bl-abbuz waqt li kien qed jigri, ghaliex kienu jibzghu illi ttihom xi xeba' jew taghmel ghalihom.

A fol 118, *O* xehdet illi kienet ghadha kemm kellmitha bintha, u li din qaltilha li xtaqet terga' tmur tghix ghandha. Qaltilha wkoll illi zijuha *B* u zijitha *W* kienu haduha ghand l-Avukat ta' l-imputat biex hija tixhed kontra *P*, u tghid illi kien *P* li abbuza minnha sesswalment u mhux zijuha *I*:

**'Qaltli li kieku ma mortx naghmel hekk, qaltli bdejt nibza' minnhom li ha jergghu jsawwtuni, qaltli ghax jien kont imsawwta.'**

*O* xehdet illi hija kienet rat lil bintha xi sitt darbiet f'dawk is-sitt xhur, u kienet indunat illi t-tifla ma kinitx qed tkun mizmuma nadifa kif kienet izzommha hi. *O* xehdet ukoll illi darba minnhom kien wasal l-imputat ghandha biex jigbor xi DVD's, it-tifla taghha *O* sgiccatilha u bdiet tkellem lill-imputat. *O* xehdet ukoll illi giet infurmata minn bintha *D*, illi l-imputat kien qed jirranga post sovrastanti ghall-flat li fih *D* kienet tghix ma' *B* u *W*, u li hemmhekk, hi kienet kostretta tkellem lill-imputat.

In kontro ezami, *O* xehdet illi bintha kienet ghamlet xi sitt xhur tghix ghand *B* u *W* l-*X*, u li qabel dan, kienet ghamlet xi sena tghix il-Fejda. *O* spjegat ic-cirkostanzi ghaliex *D* kienet tghix il-Fejda. Hija qalet illi ghalkemm kienet izzommilhom hafna lit-tfal taghha, kienet giet infurmata, li *D* kienet tahrab mill-iskola. *O* xehdet ukoll illi hija kienet ghadha tmur fil-'caravan' fis-sajf, u l-imputat ma kienx jidhol ghandha, u li ghamlet perjodu twil ma tkellimx lil huha. Illi darba minnhom kienet dahlet fil-'caravan' tieghu, pero' biex tkellem lill-'partner' tieghu. Ikkonfermat illi kienet

izzur lil huha *B* u dan stante illi kienet tinzel taghti l-flus lil bintha kull xahar, u li qatt ma ltaqghet ma’ l-imputat ghand *B*.

*B*, a fol 128 et seq, ikkonferma illi n-neputija tieghu *D* kienet ghamlet bejn erba’ u hames xhur tghix ghandu, u li telqet mid-dar tieghu meta kien mietlu t-tifel tieghu *K*. *B* xehed illi meta kienet marret tghix ghandu *D*, huma kienu jghixu *Z*, u sussegwentement marru jghixu ghand it-tifel taghhom *K* l-*X*, sabiex jiffrankaw il-kera, u kienu hadu lil *D* maghhom. Waqt li kienu joqoghdu l-*X*, l-imputat kien jigi fil-flat tieghu sabiex jistrieh wara x-xoghol:

**‘Imma lil *D* qatt ma kien taha fastidju ghax kien hemm suldat jien, fuqhom, qed tifhem, ghax malli kont naraha sejra tkellmu, nahtafha u nghidilha aqbez ‘l gewwa, u qatt ma taha fastidju jew xejn jigifieri.’ (ara fol 129).**

*B* xehed, a fol 130, illi kien sab lil *D* qed tibki darba wahda, u din qaltlu:

**‘*I* qed nithassru ha nitfghu l-habs ghal xejn.’ (ara fol 130)… ‘ghax propja propja qaltli mhux hu baghbasni, qbizt jien qedtilha allura ghalfejn tkellimt hekk mal-Qorti, qedtilha dan il-kliem mhux lili trid tghidu, lill-Avukat trid tghidu ok, qabzet il-mara qaltli filkaz ghada nehduha ghand l-Avukat, u qbizt jien fil-pront qedtilha allura min baghbsek propja, jien qedtilha biex fil-kaz jekk trid tghid lill-Avukat, u jekk ma qedtlux qedtilha, imma dejjem ghid il-verita’ mhux tigdeb fuq dak u fuq l-iehor.’**

*B* xehed illi *D* qaltlu illi kien *P*, il-‘partner’ ta’ ommha, li kien abbuza minnha sesswalment, u li qatt ma qalet lil hadd ghaliex kienet tibza’ illi jsawwatha. *B* xehed illi ghaldaqstant, huwa hadha ghand l-Avukat:

**‘Jien la sawwatha, la b’sahha u hila qedtilha dejjem jekk trid inti.’**

*B* xehed **illi nzerta illi l-Avukat ta' l-imputat kien l-istess Avukat tieghu,** u li ghaldaqstant, hu u martu hadu lil *D* ghand l-Avukat ta' l-imputat. *B* xehed illi sussegwentement, kien baghat ghalih l-Ispettur Aquilina, u kien qallu l-istorja kollha. *B* stqarr li l-Ispettur kien qallu li skond *D*, *B* u martu *W* kienu sfurzawha biex haduha ghand l-Avukat:

**'Imbaghad wara certu zmien, sirt naf jien li t-tifla qed tigdeb hafna u thawwad.' (ara fol 131).**

***B* xehed ukoll illi *D* kienet sahansitra baghbset lil wiehed mit-tfal tieghu li ghad ghandu biss *omissis* sena.** *B* xehed illi kien sab lill-imputat barra mill-ufficju ta' l-Avukat. Mitlub jghid ghaliex ma kienx informa lill-Pulizija, *B* xehed illi l-Pulizija kienu diga' jafu bil-kaz, u li allura hu ddecieda li jmur ikellem lill-Avukat. Ikkonferma wkoll illi huwa kien mar javza' lil ohtu *O* fuq dak li kienet qed tghid *D* u li mbaghad kien kellem lil *P*. *B* xehed illi meta dahlu ghand l-Avukat, kienu biss hu, il-mara tieghu u *D*, illi kienet *D* li kellmet lill-Avukat u li huwa bl-ebda mod ma sfurzaha biex tghid xi haga.

A fol 134, *B* nnega illi huwa ma kien ghamel xi ftehim ma' l-imputat sabiex jipprova jghaddihielu lixxa.  A fol 135, *B*, ikkonfrontat mill-Ispettur Aquilina li qatt ma ghamel l-allegazzjoni fuq *D* dwar it-tifel tal-'partner' tieghu *O*, baqa' **jsostni illi dan kien qallu <u>bil-kliem</u> u mhux bil-kitba**.

Spettur Raymond Aquilina, a fol 136, esebixxa stqarrija ta' *B*, dokument JP. F'din l-istqarrija, *B* ma semma' ebda allegazzjoni dwar x'ghamlet *D* ma' l-imsemmi tifel.

*D*, a fol 143, ikkonfermat:

**'dik kont noqghod ma' *B* u ma' *W* jien dak iz-zmien u kienu qaluli biex nigdeb ma' l-Avukat ta' *I*, biex nghid illi mhux vera *I* kien, *B* qaluli ghax inkella jekk ma tmurx qaluli, naqbdu ntuk…'.**

*D* xehdet illi hija kienet marret tghix ghand zijuha *B* u l-mara tieghu *W*, peress li ommha u l-'partner' taghha kienu

stretti hafna u ma kinux ihalluha tohrog. Illi kien ftit zmien qabel ma kien miet kuginuha *K* illi *B* u l-mara tieghu *W* kienu ftehmu u **sahansitra kien gie l-imputat bil-karozza tieghu *omissis*, u wassalha ghand l-Avukat, Rahal Gdid**. *D* ammettiet, a fol 146 u 147, illi hija kienet gidbet ghand l-Avukat u li **l-imputat kien rega' wassalhom lura lejn il-*X*.** *D* ikkonfermat illi *P* filfatt lilha qatt ma kien messha. Il-minuri xehdet illi hija, quddiem l-Ispettur Aquilina pero', baqghet issostni l-verita'.

Mitluba tghid jekk iffirmatx xi karti quddiem l-Avukat, *D* xehdet fl-affermattiv, izda ftit wara, qalet li ma kinitx taf. *D* xehdet illi waqt li hija kienet qed titkellem, l-Avukat taghha kien qed jiehu xi notamenti, u li ma tiftakarx ezattament jekk kinitx iffirmat dawn in-notamenti (ara xhieda a fol 148).

*P*, a fol 152, cahad b'mod kategoriku li huwa qatt mess jew baghbas jew abbuza minn *D* sesswalment.

L-imputat *I*, a fol 154, xehed illi huwa kien jaf li *B*, martu u *D* kienu se jmorru ghand l-Avukat izda hu ma marx maghhom, pero' ltaqa' maghhom ghand l-Avukat. Waqt illi *D* kienet qed tkellem lill-Avukat, l-imputat xehed illi huwa baqa' barra. L-imputat xehed illi wara li spiccaw mill-laqgha ma' l-Avukat, huh u martu marru d-dar imma huwa ma marx maghhom.

In kontro ezami, l-imputat rega' sahaq illi huwa ma wassalx lil *B* u lil *W* u lil *D* ghand l-Avukat. A fol 156, l-imputat xehed illi ma dherlux li huwa wassal lil huh ghand l-Avukat, pero' '**forsi fl-ahhar wassaltu imma ma jidhirlix li wassaltu jiena.'** (ara fol 156). L-imputat ikkonferma li huwa ghandu tlett ikmamar f'*X*, li jigi post sovrastanti ghal fejn joqghod *B*, u dan kien post li kien qed jirrangah. L-imputat xehed illi gieli mar jistrieh il-*X*, izda qatt ma raqad hemmhekk.

A fol 158, *W2* xehdet illi l-imputat kien hu r-ragel taghha, u li hija kienet toqghod il-*X* go 'flat' flimkien mat-tfal taghha. Ikkonfermat illi ghal xi zmien, *D* kienet tghix ghand *B*, hu l-imputat, izda qatt ma kienet semghet xi swat jew xi

ghajjat. *W2* kkonfermat illi qatt ma rat lill-imputat diehel ghand huh *B* meta kienet qed tghix hemmhekk *D*. *W2* xehdet illi hija ghamlet xi disa’ xhur toqghod il-*X* fl-istess blokk ta’ appartamenti fejn kienu joqoghdu *B* u martu u l-imputat, u meta miet *K*, hi ma baqghetx tghix il-*X*. *W2* xehdet illi hija kellha sebat itfal, u kkonfermat illi mhux il-hin kollu toqghod attenta ghal min hu diehel u hiereg minn gol-‘flat’, ikkonfermat illi l-imputat gieli gie ghandhom meta jkun hemm ir-ragel taghha *H* id-dar u gieli qatta’ xi saghtejn ghandhom. Hu kien jigi wara x-xoghol bejn il-hamsa u s-sebgha.

L-imputat *I*, a fol 172, ikkonferma li huwa jigi z-ziju tal-minuri *D*, u li fis-sajf, il-familja tieghu flimkien mal-familja ta’ *D*, kienu jqattghu s-sajf go zewg ‘caravans’ fejn xulxin Bahar ic-Caghaq. Ikkonferma li huwa kien jitla’ biss fil-‘caravans’ mill-Gimgha sal-Hadd, stante li kien ikun ix-xoghol. Stqarr illi l-‘caravans’ kienu ma’ l-erbatax-il pied fit-tul u li fil-‘caravan’ tieghu kienu jghixu hu, it-tifel tieghu *T* u l-‘partner’ tieghu. Stqarr illi waqt li kienu f’din l-speci ta’ villeggjatura, dawn iz-zewg ‘caravans’ kienu jkunu dejjem mimlijin bin-nies ghaliex ta’ spiss kienu jiltaqghu l-ahwa. A fol 174, l-imputat xehed illi ghalkemm **‘ghandi ma tantx kienu jigu’**, kien jinghad illi t-tfal ta’ ohtu *O* kienu t-tfal tieghu. Dwar il-facilitajiet sanitarji, l-imputat xehed illi huwa kellu ‘shower’ li tinghalaq fil-‘caravan’ tieghu stess, u li ohtu kienet qaltlu **‘hsiebek hemmhekk ghax it-tfal qed jilaghbu u jigu jittawwlu’** (ara xhieda a fol 174).

L-imputat *I* xehed illi t-twieqi tal-‘caravan’ tieghu kienu baxxi u allura t-tfal kienu jlahhqu maghhom. Ghar-rigward it-tpengija, l-imputat xehed illi *D* u *S* kienu gewwa ordnati jidhlu fis-sodda kmieni bhala kastig, u li hu qaghad ipengilhom sigra tal-Milied u kanun u stilla. Ghar-rigward ta’ l-abbuz sesswali, allegat minn *D* u *S*, l-imputat xehed illi huwa ma kienx messha, u stqarr illi omm il-minuri kienet indunat bl-irdiegh meta kienet qed tinhasel it-tifla, u li t-tifla ghall-ewwel kienet qalet illi dawk kienu qriesi li kienu saru waqt li hija kienet il-Fejda:

**‘Kienet maqfula ghax hi daqsxejn fuq taghha kienet, kienet maqfula…’ (ara fol 176).**

L-imputat *I* xehed illi t-tfal kienu anke sahansitra qalu lil ommhom li dawk kienu qries li kienu saru l-iskola. Imbaghad eventwalment, kienu qalu illi dak kien ghamilhomlha l-'boyfriend' taghha *G*:

**'U mbaghad fl-ahhar qalet iz-ziju *I*, u mbaghad daqqa tghid illi l-habib ta' ommha kien baghbasha hu. It-tifel taghha qalet li baghbasha wkoll u fl-ahhar tefghu kollox fuqi.' (ara xhieda a fol 177).**

L-imputat *I* xehed illi huwa kien qed jaghti lil *S* u lil *D* 25 cents fil-gimgha, u li *P*, il-'partner' ta' omm il-minuri kien qallu biex ma jibqax jaghtihom dawn il-flus:

**'Imbaghad tghidli mhux qammiel lili, imbaghad kont hemmhekk qaltli jekk inti ma ttinix flus, naqlibha fuqek…imma *B* semma' lit-tifel tieghu *B1*, semma' lil wiehed mit-tifel hemmhekk u fl-ahhar qalu lili. Issa huma qalu huti meta kienu ghand ommhom, ohti tkellmet ma' huti, tkellmet, u qaltilhom igdbu fuq iz-ziju *I*.' (ara xhieda a fol 177).**

L-imputat sahaq illi '**ma messejtx maghha jien, lanqas lghabt maghha xejn, hi qed tghidu dan'** (ara fol 177). Ghar-rigward ta' l-incident li semmiet il-minuri *D* illi sehh fid-dar taghha f'*Y*, l-imputat jichad dan kollu u jghid illi dan il-post kien post zghir, u bejn il-kcina u s-'shower' ma kien hemm xejn, u li ommhom kienet dahlet fil-kamra tal-banju ghal hames minuti. Di piu', illi l-minuri ma kienet qalet xejn lil ommha dak il-hin stess. L-imputat xehed illi *D* kienet intbaghtet il-Fejda izda kellha xi ncident mal-'carer' taghha, u ghaldaqstant, huh *B* u martu kienu zammewha ghandhom ghal xi sitt xhur. L-imputat xehed illi meta *D* kienet marret tghix ma' huh *B* u l-mara tieghu, dawn kienu jghixu *Z*. Huwa qal illi kellu post il-*X* li kien tah lil huh iehor waqt li kien qed jirranga l-appartament ta' tahtu. F'xi zmien, *B* u martu ddecidew li jitilqu minn *Z* u jigu jghixu ma' *K*, it-tifel taghhom, li wkoll kien jghix fl-istess blokk ta' appartamenti. Illi *D* li nizlet il-*X* tghix ma' *B* u martu, kienet bdiet tittantah:

**‘Sadanittant kien hemm *D* wkoll u bdiet tittantani bl-ilma lili gewwa fejn meta nizbogh u hekk bdiet titfaghli l-ilma, tittantani jigifieri tgholli xi …hekk hemm il-mara ta’ hija xhud din ghax ratha. Li kieku jien ma kontx inkellmu lil hija minhabba *D* u mbaghad wara bdejt inkellmu ghax telqet. Issa telqet minn mieghi, hija biss baqa’ hemm fil-post.’**

Mistoqsi fejn kien qed jghix l-imputat, dan jistqarr:

**‘Jien il-*X* qed noqghod bhalissa, il-*X* ilni tletin sena l-*X*, imma bhalissa qieghed mal-partner *V* u gieli kuljum nittawwal il-*X* jigifieri sal-lum l-ahhar, nittawwal xorta jiena, darbtejn fil-gimgha nidhol nara l-post.’**

Mistoqsi dwar l-allegazzjonijiet li saru waqt li hu u l-minuri *D* kienu fid-dar ta’ *Y*, l-imputat ta deskrizzjoni tal-pjanta ta’ din id-dar, kif jidher fl-iskitts a fol 187, dokument CP. L-imputat jichad dan kollu u jghid illi li kieku gara dan, xi hadd seta’ jarah. Ftit aktar ‘l quddiem fix-xhieda tieghu, gie mistoqsi s-segwenti:

**‘Prosekuzzjoni: Ommha kienet f’dak il-mument it-toilet**
**Imputat: Iva fit-toilet qalet li kienet hi imma setghet tarani**
**Qorti: Setghet tarak?**
**Xhud: Ma taranix le.’ (ara xhieda a fol 180).’**

Rigwardanti l-allegazzjoni tal-irdiegh illi gie misjub fuq sider *D*, l-imputat xehed is-segwenti:

**‘Jien ma naf xejn, lanqas rajthom jien, x’qaltli ohti lili ghax jien ma ghamilt xejn. Ma ghamilthomx jien, gurament gurament, lanqas biss messejtha lit-tifla hawnhekk jien xejn, ohti qed tghid lili x’gara u mbaghad b’hekk qafluha lit-tifla, jien ma naf xejn, u mbaghad qalu mill-iskola, u mbaghad it-tifel tieghu qal baghbasha iehor, hi qalet lill-Qorti stess dakinhar li t-tifel ta’ *B*.’ (ara xhieda a fol 180).**

Mistoqsi allura ghalfejn qed tivvinta din l-istorja kollha l-minuri *D*, l-imputat *I* xehed li huwa qatt ma kellu xi jghid maghha u lanqas ma’ ohtha, u li ma jafx ghalfejn kienet qed tghid dawn l-affarijiet, izda kien sema’ illi t-tifla kienet imbezzgha mill-‘partner’ ta’ ommha:

**‘Kien itihom daqqiet zgur bil-ponn bl-addocc, nahilfu jien stess, u huti jahilfuh ukoll ghalih li kien il-partner ta’ ommha, dejjem isawwathom bl-addocc kien biex ibezzaghhom kien, u gieli waqqaftu jien.’ (ara xhieda a fol 181).**

L-imputat baqa’ jishaq illi kemm *D* u *S* kienu qed jigdbu ghalkemm *S* **‘kienet kwieta u *D* fuq taghha.’** (ara xhieda a fol 181). L-imputat kompla jistqarr li dan il-gideb forsi qaluh it-tfal ghaliex hu ma baqax itihom il-‘pocket money’ u minhabba l-fatt illi riedu jghattu ghall-eghmil ta’ *B*. L-imputat xehed illi qabel l-incident, huwa kellu relazzjoni normali man-neputijiet tieghu, anzi kien jaqbez ghalihom minhabba s-swat li kienu jircievu minn *P*. Mistoqsi ghaliex qatt ma mar jirraporta lill-Pulizija jew lis-Social Workers dwar dawn is-swat, l-imputat xehed li huwa kien kellem lil ohtu fuq dan. L-imputat baqa’ jishaq li dak li qalu l-minuri *D* u *S* kienu **‘kocc gideb, issa jekk haddiehor baghbas lil xi hadd iehor Pulizija jien vera kont inhobbhom, qishom uliedi l-ahwa kollha, mill-kbir saz-zghir’** (ara fol 182).

L-imputat stqarr illi t-tfal xehdu kif xehdu ghax kienu mbezzghin **‘illum qeghdin free ghax mhux maghha llum.’** (ara fol 183). L-imputat xehed illi meta *D* kienet tghix ghand huh *B*, hi kienet ‘free’ u li qalet li ma kienx veru dak li sostniet il-Qorti ma’ l-Avukat tieghu. Rinfaccjat bil-fatt illi l-minuri *D* kienet biddlet il-verzjoni taghha sforz is-swat li kienet qalghet minghand huh *B* u martu, l-imputat jghid li huwa ma kienx ikun hemmhekk ghandhom u li meta marru ghand l-Avukat, ma kien hemm l-ebda swat ta’ xejn. L-imputat baqa’ jishaq li hu ma kien ghamel xejn lil *D*, u rigward is-swat, xehed illi kien veru li *B* kien sawwatha, u dan gara meta *D* kienet baghbset lit-tifel minuri ta’ *B* li kellu *omissis* sena (ara xhieda a fol 184). *D*

kienet ukoll giet imsawwta minn *B* meta hi riedet tmur ma' xi Gharbi jew f'xi post fejn ma kinitx permessa li tmur.

Rigwardanti t-tpengija li kien ghamel tas-sigra tal-Milied etc, l-imputat jinnega illi ohtu *O* kienet qaltlu li dik ma kinitx sigra tal-Milied imma li ghaliha kienet tidher illi kienu l-parti genitali ta' ragel. L-imputat xehed illi kien penga s-sigra tal-Milied ghax kien fl-ahhar tas-sajf.

*W*, a fol 190 et seq, xehdet illi hija kienet ghamlet zmien tghix ma' *H2*, li jigi hu *B*, u li sussegwentement izzewget lil *B*, u qalet li ghandha sebat itfal. *W* kkonfermat li hija kienet accettat lil *D* wara li ommha *O* kienet keccietha 'l barra, u dan ghaliex kienet qed tigi msawwta hafna minn *B* u *B* ma ridhiex (ara xhieda a fol 191). *W* kkonfermat illi *D* kienet damet tghix ghandha xi sitt xhur, u li f'dawn is-sitt xhur il-komportament taghha kien tali illi kienet ta' sikwit tahrab mill-iskola u kienet tircievi l-ilmenti minghand il-Probation Officer taghha, li kienet thobb tohrog, u li ghaldaqstant, ma tantx setghet tavdaha. Illum il-gurnata, *D* kienet regghet marret tghix ghand ommha.

*W* xehdet illi darba minnhom, waqt li kienet qed tghix maghha, *D* kienet baghbsitilha zewgt itfal taghha billi ghamlet idejha fuq il-parti privata taghhom. Iz-zewg subien kellhom *omissis* snin u *omissis* sena. Kien f'dan il-mument illi zewggha *B* kien taha daqqtejn go wiccha (lil *D*). *W* xehdet illi *D* kienet ukoll tittanta lit-tifel ta' *B*, *K*, li kien mizzewweg, u kienet iggelldu mal-mara tieghu, u kienu jispiccaw jaghtu bl-idejn. *W* xehdet illi f'okkazjoni wahda, l-istess tifel taghha kien infurmaha illi *D* kienet ghamlet ftehim ma' Gharbi ma' min kellha tmur sabiex tiggwadanja Lm25. Qalet li kienet infurmat lil ommha, u wara dan, kien sar ftehim illi ommha tghaddi lil *W* s-somma ta' Lm15 fix-xahar sabiex *D* jkollha xi haga tal-flus f'idejha.

Rigward l-incident ta' l-Avukat, *W* xehdet illi f'okkazjoni minnhom kienet sabet lil *D* tibki, u din fethet qalbha maghha u qaltilha illi ma kienx veru illi *I* kien baghbasha, izda li kien *B* u li hija kienet qed tibza' minnu u minn ommha. Illi ghalhekk, hija ddecidiet illi l-ahjar haga kienet

li jmorru ghand Avukat, li kien kumbinazzjoni l-istess Avukat li kellu l-imputat. Illi meta marru, *D* quddiem l-Avukat stqarret l-istess verzjoni, u mbaghad wara li kien miet *K*, *D* regghet riedet tmur lura ghand ommha, u li ghalhekk, hija kienet infurmat lil ommha *O* b'dak li kien sehh ghand l-Avukat. *W* stqarret li meta hija nfurmat lil *D* li ommha saret taf b'kollox, *D* qaltilha illi allura se terga' ddawwar id-diskors. *W* xehdet illi *D* kienet telqet minn ghandha ghaliex kien miet *K*.

In kontro ezami, *W* xehdet li meta *D* kienet tghix ghandha l-*X*, hija kienet tghix f'zewgt ikmamar, flimkien mas-sebat itfal taghha u r-ragel taghha *B*, waqt li fl-appartament f'*Z*, hija kellha erbat ikmamar, pero' ma felhitx ghal Lm75 kera fix-xahar. Stqarret illi meta kienet ghandha, *D* kienet tattendi l-iskola u li baqghet tattendi l-iskola sa April tal-2005. Wara dan, *D* kienet qaltilha li kellhom 'party' ta' l-eghluq ta' l-iskola, u li ma kellhiex ghalfejn tmur iktar, izda *W* ammettiet li hija ma kkonfermatx mad-dirigenti ta' l-iskola halli tara jekk dan kienx veru.

In kontro ezami, *W* xehdet illi filfatt kienet giet denunzjata quddiem il-Magistrat Vella ghaliex ma kinitx qed tibghat lil *D* l-iskola, u anke minhabba illi ma kinitx qed tattendi s-sessions mal-Probation Officer. A fol 201, *W* tammetti illi *D* kienet dejjem tkun fil-kumpanija ta' *K*. Mistoqsija kinitx taf bil-kundizzjonijiet tal-liberta' provvisorja ta' l-istess *K*, fil-kawza li kellu fejn il-vittma ta' dak l-incident kienet ukoll *D*, *W* xehdet illi kienet taf ghaliex kienet giet infurmata mill-istess Ufficjal Prosekutur. L-istess Ufficjal Prosekutur kien gibdilha l-attenzjoni illi hija (*W*), ma kinitx suppost qeghda thalli lil *D* fil-prossimita' ta' *K*. *W* xehdet illi kienet kostretta taghmel dan ghaliex f'*Z* kien ikollha wkoll hafna problemi mill-ex ragel taghha.

*W* xehdet illi hija qatt ma rat incidenti ta' tbaghbis mill-imputat fuq il-minuri *D*. B'referenza ghall-incident fejn *D* kienet dahlet bl-irdiegh go ghonqha u kienet wahhlet fl-imputat, *W* tghid li sussegwentement, il-minuri qalet li ma kienx l-imputat imma kien *G* u guvni iehor jismu *F1*. Wara din, it-tifla qalet li kienet ghamlithom hi stess b'halqha (ara xhieda a fol 202).

*W* stqarret illi *D* kienet iddahhlet f'diversi istituti ghaliex hadd ma seta' jzommha minhabba li kienet imqarba hafna, u filfatt, spiccat Mount Carmel. Wara dan kienet regghet marret ghand ommha, ghamlet habta tghix maghha (*W*), imbaghad regghet marret lura ghand ommha. *W* xehdet illi hija qatt ma ghamlet rapport dwar is-swat li *D* kienet taqla' minghand il-'partner' ta' ommha ghaliex huwa kien membru tal-Korp tal-Pulizija. **Sussegwentement, qalet li ma ghamlitx rapport ghax kien hemm hu r-ragel taghha li qalilha biex ma tindahalx, u ftit wara qalet li kien minhabba l-mara ta' huh li ma ghamlitx ir-rapport.**

Ikkunsidrat:-

Fl-ezami twil u ardjuz li din il-Qorti kellha taghmel, rinfaccjata bil-kwalita' ta' xhieda u l-voluminozita' taghha, din il-Qorti qaghdet fuq l-insenjament ta' l-Artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid:

*'L-eccezzjonijiet dwar wahda jew ohra mir-ragunijiet imsemmija fl-Artikoli 630, 633 u 636, jghoddu biss il-kredibilita' tax-xhud, u fuq din, id-decizjoni tithalla fid-diskrezzjoni ta' min ghandu jiggudika l-fatti billi jittiehed qies tal-imgieba kondotta u l-karattru tax-xhud, il-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u tal-fattizzi ohra tax-xhieda tieghu, u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xi xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.'*

Din il-Qorti tibda' biex tghid illi *D* xehdet quddiem din il-Qorti meta kellha *omissis* sena, u din il-Qorti sabet illi l-karattru ta' l-istess minuri ma tantx huwa wiehed felici. Dan qed jinghad ghaliex *D* hija tfajla ribelluza, fuq ruhha, prodott ta' familja mgarrfa, li giet imrobbija ghal xi zmien minn ommha u mill-'partner' taghha *P*, izda ghamlet zmien konsiderevoli f'istituti karitatevoli. Din il-Qorti sabet lil din it-tfajla bhala zaghzugha prekoci, wahda li tirribella kontra kwalunkwe awtorita', tant hu hekk illi sahansitra kienet hebbet ghall-Social Worker fid-dar il-Fejda, meta nghatat

ordni biex ma tohrogx, b'rizultat li kienet kissritilha saqajha.

Madanakollu, bhal kull persuna taht l-eta', *D* hija mizghuda b'insikuritajiet u biza' li jimxu par in passu ma' l-apparenza ta' hostilita'. Dak li laqat lil din il-Qorti huwa l-fatt illi *D* in effett, hija 'very matter of fact' kull meta tigi rinfaccjata b'xi eghmil mhux xieraq taghha.

Illi r-rakkont ta' *D* hu fis-sens illi l-imputat zijuha kien jabbuza minnha sesswalment, f'diversi okkazjonijiet, fuq perjodu ta' almenu sentejn, u ta' dan, tat rakkont vividu u dettaljat ta' dak kollu li ghaddiet minnu.

Minn naha l-ohra, din il-Qorti giet rinfaccjata bix-xhieda ta' l-imputat u ta' huh *B* u tal-mara tieghu *W*, li ghamlu l-almu taghhom biex ixejjnu r-reputazzjoni ta' din it-tfajla u johorguha bhala tfajla giddieba, tfajla li tgerfex, tfajla li giet, semmai, abbuzata minn haddiehor.

Il-gudizzju ta' din il-Qorti kien ikun ferm difficli, li kieku din il-Qorti kienet rinfaccjata **biss** bix-xhieda ta' *D*, pero' dan mhux il-kaz. Fortunatament ghal din il-Qorti, hemm ix-xhieda ta' *S*, kif ukoll ix-xhieda ta' ommhom *O*. *S* taghti rendikont ta' episodju fejn l-imputat kien sejjhilha biex thares, immasturba fil-prezenza taghha u egakola, u meta spicca dan kollu, qalilha li issa ma kellhiex ghalfejn tkompli thares.

Illi di piu', ommhom *O* irrakkuntat lil din il-Qorti, il-manjiera kif hi telghet inkiss inkiss fil-'caravan' fejn kellha z-zewgt ibniet taghha fis-sodda bhala kastig, u sabet lill-imputat ipengilhom stampi indecenti.

Huwa precizament fil-konfront tax-xhieda ta' *S* illi ebda wiehed mix-xhieda tad-Difiza ma attenta li jxejjen dettall mir-rakkont taghha. Dan qed jinghad ghaliex kemm *B*, kif ukoll *W*, iffukaw l-attakk taghhom semplicement fuq *D*. Di piu', l-imputat ammetta illi fost l-ahwa, *S* kienet it-tfajla l-kwieta, waqt illi *D* kienet it-tfajla l-aktar fuq ruhha (ara fol 181).

Illi l-imputat, imbaghad, prova jgieghel lil din il-Qorti temmen il-verzjoni tieghu ghar-raguni ghaliex it-tfajliet kienu qed ‘jigdbu u jgerfxu’ fuqu, billi jghid illi huwa kien zmetta milli jaghti lit-tfajliet 25 cents fil-gimgha, fuq struzzjoni ta’ *P*. Din il-Qorti taghraf li dan huwa pretest banali, daqs kemm huwa pwerili, u mhijiex se titlef aktar zmien fuqu.

Materja pero’ li tehtieg l-attenzjoni ta’ din il-Qorti hija l-incident li sehh fi hdan l-ufficju ta’ l-ewwel Avukati Difensuri ta’ l-imputat. Fil-qosor, dan l-incident kien jinvolvi pressjoni da parti ta’ *B* u *W*, fuq il-minuri *D*, sabiex din tbiddel il-verzjoni taghha, u tghid quddiem l-ewwel Avukati Difensuri ta’ l-imputat, illi kien *P* li abbuza minnha sesswalment u mhux l-imputat. Dan sar bi swat da parti ta’ *B* fuq l-istess minuri *D*, u fi sfond ta’ theddid ta’ aktar swat, u wassal sabiex l-ewwel Avukati Difensuri jirrinunzjaw ghall-patrocinju ta’ l-imputat, u wassal ukoll ghar-revoka tal-ghotja tal-liberta’ provvisorja ta’ l-imputat.

Il-Qorti, f’dan ir-rigward, tigbed biss l-attenzjoni fuq il-gideb sfaccat ta’ *B*, li sab il-kolmo tieghu f’allegazzjoni illi huwa kien sawwat lil *D* **biss** meta sab illi din kienet qed tabbuza sesswalment miz-zewgt itfal tieghu ta’ inqas minn *omissis* sena, fatt dan li qalu lill-Ufficjal Prosekutur, **fatt illi gie kategorikament negat mill-Ispettur Raymond Aquilina,** kif jidher mill-istqarrija ta’ l-istess *B*, esebita in atti a fol 138.

Illi di piu’, il-Qorti ezaminat u wiznet ix-xhieda ta’ l-imputat, minkejja li parti sostanzjali minnha kienet kwazi inkoherenti, u ssib illi la ghandha mill-verita’, hija mimlija inkonsistenti u mhux ta’ min iserrah fuqha. Il-Qorti taghmel hawnhekk referenza, ghax-xhieda dwar illi jekk kemm-il darba kienx l-imputat li wassal lil *D*, *B* u *W* ghand l-Avukat bil-karozza tieghu jew le.

Il-Qorti wkoll taghmel referenza ghax-xhieda ta’ l-imputat a fol 178, fejn jghid illi *D* kienet ittantatu fil-mori tal-kawza, waqt illi huwa kien qieghed fil-kerrejja tieghu l-*X*, billi xehtitlu l-ilma, u dan suppost sar fil-prezenza tal-mara ta’ huh. **Infatti, ebda wahda min-nisa ta’ hutu, ma xehdu**

**fuq din il-grajja.** Fl-istess pagna a fol 178, l-imputat l-ewwel jghid li kien jinzel il-*X* jittawwal kuljum, u mbaghad f'nifs iehor jghid illi kien jittawwal darbtejn fil-gimgha.

Illi ghal dawn il-motivi kollha, din il-Qorti m'ghandhiex alternattiva ghajr li twarrab ix-xhieda tad-Difiza u takkolji x-xhieda tal-minuri.

Din il-Qorti issa sejra biex tezamina l-akkuzi kif dedotti kontra l-imputat. L-ewwel akkuza nfatti hija dik taht l-Artikolu 203 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid is-segwenti:

*'203(1):*
*Kull min b'eghmil zieni jikkorrompi persuna taht l-eta', tas-sess il-wiehed jew l-iehor, jehel, meta jinstab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tlett snin, bir-rekluzjoni jew minghajrha; izda l-piena ghal dan id-delitt tkun ta' prigunerija minn tlett snin sa sitt snin bir-rekluzjoni jew minghajrha, f'kull wiehed mill-kazijiet li gejjin:*
*(a) jekk id-delitt isir bi hsara ta' persuna li ma ghalqitx l-eta' ta' tnax-il sena jew inkella bi vjolenza;*
*(b) jekk id-delitt isir bit-theddid jew b'qerq;*
*(c) jekk id-delitt isir minn axxendent, mid-demm jew bi zwieg, jew minn missier jew l-omm addottiv, jew minn tutur tal-minuri, jew minn haddiehor li lilu, imqar jekk ghal xi zmien, ikun giet fdat il-minuri sabiex jiehu hsiebha, jedukaha, jghallimha, jindukraha jew izommha.'*

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza Pulizija versus Wiffen, deciza fit-8 ta' Jannar 1996, ikkonfermat:

*'As to the requirement of the actual defilement, this is obviously not something that can be measured with any known specific instrument, but it is something which has to be assessed by the appointed Judge – the lay Judge in the case of a trial by jury, the professional Magistrate or Judge in all other cases – taking into account all the circumstances of the case, including in particular, the age of the victim and the nature of the act or acts.'*

Imbaghad fis-sentenza Pulizija versus Andrew Bonnici, deciza fit-23 ta’ Jannar 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti:

*‘Tifel ta’ appena tlettax-il sena li jigi espost ghall-eghmil li jaghmel l-appellant, kemm fuqu nnifsu, kif ukoll fuq il-persuna tal-istess tifel, ma jistax ma jigix korrott anke jekk forsi dak it-tifel ikun diga’ jaf certi fatti tal-hajja, jew ikollu xi esperjenza sesswali. Altru esperjenza sesswali fil-kors normali tal-izvilupp fizjologiku ta’ dak li jkun, u altru impozizzjoni ta’ sitwazzjonijiet determinati minn eghmil zieni, li manifestament jipproducu lezjoni f’integrita’ morali tal-minorenni.’*

Illi fil-kaz in ezami, jirrizulta pprovat illi l-atti li wettaq l-imputat, u cioe’ l-masturbazzjoni kompleta, il-mess ta’ partijiet genitali tal-minuri, l-irdiegh fuq is-sider tal-minuri, certament jikkostitwixxu dak illi l-ligi tikkategorizza bhala ‘lewd acts’ jew atti di libidini’.

Il-Qorti imbaghad ghaddiet biex tezamina jekk kemm il-darba l-atti prattikati fuq il-minuri attwalment wasslux sabiex jikkorrompu l-istess minuri u ghal dan il-ghan ghamlet referenza ghall-insenjament tal-principji enuncjati fil-kawza Pulizija versus Carmelo Spiteri deciza fl-20 ta’ Marzu 1989 mill-Qorti tal-Appell Kriminali;

*‘Huwa fatt li jistghu jinqalghu kazijiet fejn l-allegat suggett passiv tar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 203, minhabba hajja dedikata ghall-laxxivja u ghall-pjaciri sesswali, ikun fi stat ta’ travjament morali tant komplet li difficli wiehed jista’ jimmagina kif jista’ jigi ulterjorment korrott, u kazijiet bhal dawn gieli gew ikkunsidrati minn din il-Qorti, izda huwa cert ukoll li l-esperjenza sesswali precedenti mhux necessarjament teskludi l-possibilita’ li jkun hemm korruzzjoni ghaliex kif intqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali, in re, Il-Pulizija versus George Portelli, deciza fit-2 ta’ Frar 1975, (fejn dik il-Qorti kienet abbraccjat it-tejorija moderata tal-Maino), mhux qed jinghad li persuna gia parzjalment korrotta, ma tistax tigi korrotta izjed. Si tratta ta’ kwistjoni ta’ bilanc.’*

In oltre, jirrizulta illi dawn l-atti, kemm ghal *D* u b'mod specjali ghal *S*, li kienet ta' eta' aktar tenera, kienu l-ewwel esperjenzi sesswali taghhom, u certament**, tali illi kkorrompew b'mod fundamentali lil dawn iz-zewg minuri. Infatti, din il-Qorti temmen illi kienet din il-korruzzjoni illi mbuttat lil *D* fuq triq ta' prekocita' sesswali, u ribelljoni kontra kull awtorita':**

*'Il-persuna korrotta ghandha d-dritt li ma tigix ulterjorment korrotta, u hadd ma ghandu d-dritt illi, impunement jispingiha aktar fit-triq tal-korruzzjoni jew jimpedilha l-possibilita' ta' regenerazzjoni.'* ***(ara Appell Krim per Imhallef W.Harding Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino, deciza fit-30 ta' Marzu 1963.)***

L-imputat imbaghad, jinstab akkuzat b'arrest u detenzjoni llegali jew sekwestru llegali tal-minuri *D*, ai termini tal-Artikoli 86 u 87 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Minkejja illi l-Prosekuzzjoni rnexxielha fil-Qorti tipprova illi waqt illi l-minuri *D* kienet f'dar ommha f'*Y*, l-imputat kien dahal, rabtilha jdejha u ghamel dawk l-atti abbuzivi sesswali maghha, din il-Qorti fuq l-iskorta tad-decizjoni Il-Pulizija vs Pandolfino, deciza fid-19 t'Ottubru 2006 mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali per Imhallef Galea Debono, taghraf li dawn l-atti ta' 'detenzjoni jew sekwestru' huma parti integrali tar-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni u mhux reat separat.

L-imputat jinstab ukoll akkuzat taht l-Artikolu 209 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' bl-offiza ghall-pudur jew ghall-morali maghmula fil-pubbliku. Illi attwalment, l-Artikolu 209 jipprovdi s-segwenti:

*'Kull min, barra mill-kazijiet imsemmijin fl-Artikoli ta' qabel, dan is-subtitolu jew fid-dispozizzjonijiet l-ohra tal-ligi,* ***joffendi l-pudur jew il-morali b'eghmil li jsir f'lok pubbliku jew f'lok espost ghall-pubbliku, jehel, meta jinstab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tlett xhur, u multa****.'*

Huwa evidentissimu mill-provi prodotti illi l-imputat ghamel diversi atti di libidini, certament fuq il-minuri *S*, fil-'caravan'

waqt li kien bil-bieb miftuh tal-‘caravan’ tieghu, f’post fejn ikun hemm diversi ‘caravans’ Bahar ic-Caghaq, **li jkunu mimlija b’familji u tfal** (vide Il-Pulizija vs Maurice Goldstein, deciza fit-23 ta’ Frar 1957, Appell Krim per Imhallef William Harding). Dan certament jikkonfigura taht dak li l-ligi ssejjah bhala post pubbliku jew post espost ghall-pubbliku. Irid jinghad, fuq l-insenjament tal-kawza Il-Pulizija Spettur Sharon Tanti, Spettur Silvio Valletta vs Omissis, deciza mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fil-5 ta’ Gunju 2003:

*‘It-tejorija ta’ assorbiment <u>hija wahda li tirrigwardja biss il-piena</u> imma mhux l-ezistenza o meno ta’ akkuza jew ta’ reat…hija biss ghal fini ta’ piena li reat li serva bhala mezz ghall-fini, ma jittehidx in konsiderazzjoni, imma dikjarazzjoni ta’ htija dwaru ghandha tkun hemm dejjem, u ghalhekk dan ir-reat ikun jezisti u jakkumpanja lil reat iehor.’*

Illi ghal dawn il-motivi, din il-Qorti ssib lill-imputat hati ta’ l-ewwel akkuza, mhux hati tat-tieni akkuza li minnha tilliberah, hati tat-tielet akkuza, b’assorbiment ghal fini ta’ piena, u wara li rat l-Artikoli 18, 203(1)(a)(c) u 209 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundannah ghal sitt snin prigunerija li minnha jrid jitnaqqas iz-zmien li l-imputat ghamel f’arrest preventiv. Din il-piena qed tinghata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali ta’ l-imputat (a fol 95 tal-process); il-kwalita’ ta’ abbuz sesswali li gie prattikat fuq il-minuri;’ il-fatt ewlieni li dan l-abbuz sar fuq medda konsiderevoli ta’ zmien, u li sar fuq <u>zewg minuri</u>; u l-fatti speci kollha tal-kaz.

Illi di piu’, din il-Qorti tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija jiehu passi kriminali kontra *B* u *W*, ai termini ta’ l-Artikolu 108 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tigi notifikata lill-Kummissarju tal-Pulizija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------